MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 36

4 ta' Mejju 2015

Minuti tas-seduta Nru. 36 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn, 4 ta' Mejju 2015 fis-7.15pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti mingħajr emendi, li sussegwentement ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

2.1.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 2.3. tas-seduta ta' qabel u għarfet li l-ħarġa li kellha ssir f'Dar il-Mediterran għall-Konferenzi għall-MeDIETerranea Food Festival issa ser issir fil-15 ta' Mejju 2015. Hija qalet ukoll li l-ispejjeż tat-trasport ser jagħmlu tajjeb għalihom l-organizzaturi ossija l-Fondazzjoni Grupp Azzjoni Majjistral.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol XIII)

2.2.1. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna għall-minuta 16.2. tas-seduta preċedenti u qalet li għall-attivita` fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm hija pproponiet li jinġiebu s-servizzi taż-żeffiena Artemotion u grupp folkloristiku *The Greenfields*.

2.2.2. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa fil-minuta 2.6.2..

2.2.3. L-istess kunsilliera għarfet ukoll li l-prezz tal-ħarġa għall-post magħruf bħala "L-Arka ta' Noe" fis-Siġġiewi ser ikun ta' €10 għall-kbar u €5 għat-tfal.

### 2.3.1. Kundizzjonijiet applikabbli għall-Kunsill dwar l-użu tas-Sala tal-Komunita` (S/3/7/Vol IV)

2.3.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.5.6. tas-seduta preċedenti u għarraf li l-korrispondenza li kellha tintbagħat lill-Kunsill Skolastiku kienet intbagħtet, filwaqt li huwa kien infurmat li din kellha tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss tal-istess Kunsill.

2.3.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li apparti l-arranġamenti li l-Kunsill Lokali għandu mal-għaqdiet mużikali, huwa nfurmat li l-Mellieħa Youths qed jagħmlu kuntatti mal-Oratorju tal-Imġarr biex itellgħu il-pantomima tal-Milied 2015 minħabba li ma jistgħux ivinċu spiża ta' €800 biex isiru żewġ rappreżentazzjonijiet.

2.3.4. Is-Sur J. Buttigieg għamilha ċara li l-kundizzjonijiet li qed jikkontesta l-Kunsill Lokali jirrigwardaw attivitajiet li jsiru mill-għaqdiet mużikali u għalhekk dawk li jsiru mill-Mellieħa Youths huma regolati b'kundizzjonijiet oħra. Dan peress li t-talba fil-każ tal-Mellieħa Youths ma ssirx mill-Kunsill Lokali, għaliex jintalab ħlas għad-dħul għalihom.

2.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Lanterni fuq iż-żuntier f'Misraħ il-Parroċċa (P/4/3/Vol IV)

2.4.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 9.6. tas-seduta ta' qabel u qal li l-Inginier M. Galea ttieħed fuq il-post biex jara l-lanterni u sussegwentement irrapporta li ma jkunx vijabbli illi l-lanterni eżistenti jsir restawr fuqhom minħabba l-istat ħażin li jinsabu fih.

2.4.3. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill iddeċieda li l-Inġinier Galea għandu jgħaddi katalgi sabiex jiġi stabbilit l-aħjar disinn li jmur mal-post qabel jitfassal dokument tal-offerta.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 30/04/15
- Skeda ta' Pagamenti – 10/04/15 – 30/04/15
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 19/03/15 – 30/04/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Stqarrijiet Finanzjarji 2014 – Riveduti;
- Ftehim dwar l-użu tas-Sala tal-Komunita`;
- Kriterji dwar l-Għoti ta' Onorefiċenzi.

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Mobile Kiosk* f'Għajn Tuffieħa (H/6)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 30 ta' Mejju 2015 mibgħuta mill-Perit Daniel Grima f'isem Joseph Gauci li għandu *mobile kiosk* li normalment jipparkja fin-niżla li tagħti ghall-parkeġġ tar-Ramla tal-Mixquqa.

4.1.3. Is-Sindku ssuspenda s-seduta sabiex il-Perit Daniel Grima jkun jista' jagħmel intervent. Il-Perit Grima spjega li partikularment fix-xhur tas-sajf, l-operatur tal-kjosk isib problemi biex jipparkja qrib il-post fejn għandu l-arloġġ tal-elettriku u għalhekk huwa nteressat li jagħmel talba lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jingħata kirja temporanja. F'dan l-istadju qed jitlob il-kunsens mill-Kunsill Lokali għal din il-proposta. Il-fatt huwa li jekk il-kjosk ma jkollux il-provista tal-elettriku dan ma jkunx jista' jiffunzjoni b'mod sħiħ.

4.1.4. Fit-tkomplija tas-seduta, il-Kunsill iddeċieda li jkun f'posizzjoni li jagħti l-opinjoni tiegħu kemm-il darba jintalab jagħmel dan mid-Dipartiment tal-Artijiet.

### 4.2.1. Installazzjoni ta' *ATM* (A/6/4/Vol II)

4.2.2. Inqara imejl datat 26 ta' Marzu 2015, mibgħut mis-sid MT Service Station, fejn appella għall-appoġġ tal-Kunsill biex tiġi nstallata *automated telling machine* ta' Bank of Valletta plc fis-*service station* li jinsab fi Triq Lewis Wettinger.

4.2.3. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal din il-proposta.

**4.3.1. *Policy* dwar l-iżvilupp tal-lukanda ta' Selmun (S/5/1)(P/5/4/Vol II)**

4.3.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' April 2015, mibgħut mill-MEPA fejn tħabbar li l-awtorita` ġiet mitluba mill-Gvern sabiex tfassal *policy* dwar l-lukanda msemmija bil-għan li:

- Jiġu identifikati użi varji tal-art in kwistjoni sabiex tintuża għal skop turistiku tal-għola livell;
- Jiġi rijabilitat il-bini eżistenti jew jiġi żviluppat mill-ġdid sakemm dan ma jeċċedix il-medda ta' art li qed jokkupa attwalment bl-esklużjoni tal-Palazz, kif ukoll jinżamm l-għoli eżistenti, filwaqt li jinbena *wing* ġdid bl-istess għoli tal-kumplament, biswit it-triq li twassal għall-Fortizza ta' Campbell;
- Li jitfassal *layout* tal-art f'termini ta' lokazzjoni sakemm dan ikun limitat għall-art in kwistjoni;
- Jiġi żgurat li kull proposta ġdida:
  (a) Ma tħallix impatt negattiv fuq il-bini tal-Palazz li huwa skedat fl-Grad 1;
  (b) Ma tħallix impatt ekoloġiku negattiv fiż-żona; u
  (c) Li d-disinn tal-bini jkun ta' kwalita` għolja.

4.3.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-MEPA se tikkonsidra sottomissjonijiet dwar is-suġġett sat-8 ta' Mejju 2015.

4.3.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li fit-tfassil tal-*policy* għandhom jittieħdu in konsiderazzjoni l-fatturi segwenti:

a) Billi l-inħawi ta' Selmun u l-Imġiebaħ huma skedi bħala siti Natura 2000, id-disinn tal-binjiet li jsiru għandu jirrispetta l-madwar, filwaqt li l-għoli tagħhom m'għandux ikun iktar minn dawk eżistenti;

b) Kwalunkwe struttura li tinbena bħala estensjoni m'għandiex tkompli tgħatti d-dehra tal-Palazz ta' Selmun. Għandhom jiġi studjati soluzzjonijiet fattibbli biex jitnaqqas l-impatt estetiku negattiv fuq id-dehra tal-Palazz, li ħalla s-*sub-station* tal-Enemalta;

c) Ir-Restawr u r-rijabilitazzjoni tal-Palazz għandha tkun parti integrali mill-permess għall-iżvilupp li eventwalment jista' jinħareġ mill-MEPA;

d) Il-kappella tal-Palazz, li fi snin riċenti ġiet mibdula f'ristorant, għandha tiġi rijabilitata u taqdi l-funzjoni oriġinali tagħha, liema użu wieħed ma jarax li huwa nkompatibbli ma' dak tal-Palazz. It-tip ta' attivitajiet permessibbli fil-binja tal-Palazz għandhom jiġu identifikati fil-permess li eventwalment jista' jinħareġ mill-MEPA;

e) Għandhom jittieħdu l-miżuri kollha possibbli waqt id-demolizzjoni u kostruzzjoni bil-għan li ma ssirx ħsara fil-binja tal-Palazz u fl-irziezet antiki li hemm fil-qrib, liema rziezet jiffurmaw parti minn *heritage trail* illi jħaddan fiħ diversi siti storiċi li jestendu sal-inħawi tal-Imġiebaħ;

f) It-tqattiegħ tal-blat għandu jitwettaq b'tali mod li ma jikkawżax ħsara strutturali fil-binijiet tal-Palazz u fl-irziezet li hemm fuq in-naħa l-oħra tat-triq li twassal għall-Fortizza ta' Campbell. Għandhom jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex ix-xelter li ġie restawrat permezz ta' PA 3469/13 ma jiġix affettwat;

g) Għandha tingħata attenzjoni għas-sostenibilta` f'dik li hija enerġija u użu tal-ilma, billi jsir użu minn sorsi rinovabbli u jkun hemm ħażna adekwata tal-ilma tax-xita li tinżel fuq is-sit bil-għan li dan jintuża għat-tisqija tas-*soft areas*, kif ukoll għall-skopijiet sanitarji;

h) Id-dwal installati fuq barra tal-bini għandhom ikunu tat-tip *downlighters* biex ma jikkawżax tniġġiż, filwaqt li l-Palazz għandu jingħata d-dinjita` li jistħoqqlu billi jiġi mdawwal b'tip ta' *architectural lighting* ingastat ġol-art, mingħajr l-użu ta' arbli;

i) Għandu jsir monitoraġġ kontinwu waqt li jkun għaddej l-iżvilupp, fuq l-istess linji li sar waqt illi kien għaddej ix-xogħol fuq il-*heritage trail* ta' Selmun skont il-permessi

PA 2368/09; PA 2370/09; PA 2371/09; PA 2372/09; PA 2374/09; PA 2377/09; u PA 3469/13; u

j) Fid-dawl tal-fatturi msemmija aktar 'il fuq, l-iżviluppatur għandu jintalab jikkommissjona studju dwar l-impatt ambjentali, bħalma sar fil-każ ta' diversi faċilitajiet simili li nbnew fil-lokalita`. F'dan il-kaz l-importanza ta' dan l-istudju hija ikbar peress li l-inħawi huma kklassifikati bħala sit Natura 2000.

## 4.4.1. Danni sofferti fi Triq il-Wilġa (H/1/3)

4.4.2. Saret referenza għal imejl datat 28 ta' April 2015, fejn is-Sur Stefan Riolo għarraf li fl-24 ta' April 2015 iż-żewġ roti ta' naħa waħda tal-vettura tiegħu bin-numru tar-reġistrazzjoni BCD 723 waqgħu ġo ħofra li kien hemm fil-ġenb tal-istess triq u kellhom jinbidlu żewġ *tyres*. Is-Sur Riolo għadda kopja tar-rapport li sar mal-Pulizija kif ukoll kont tal-ispejjeż li jammonta €440.

4.4.3. Is-Segretarju għarraf li saret spezzjoni fuq il-post indikat fir-ritratti mibgħuta mis-Sur Riolo biex jiġu verifikati l-fatti. Huwa qal ukoll li t-tiswijiet meħtieġa saru immedjatament wara.

4.4.4. Fid-dawl tad-dokumentazzjoni sottomessa, kif ukoll il-verifika li saret fuq il-post, il-Kunsill iddeċieda li għandu jagħmel tajjeb għad-danni, mingħajr ma jirreferi l-każ lill-kumpanija tal-assikurazzjoni tal-Kunsill, peress li t-talba hija inqas minn €500.

## 4.5.1. Proġett dwar *performance management* (K/6/7/Vol VI)

4.5.2. Is-Segretarju rrefera għal ittra datata 24 ta' April 2015 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar s-suġġett t'hawn fuq. Is-Sur C. Debono fakkar li proġett kien beda fl-2013 u minn dakinhar saru numru ta' *seminars* u *workshops* għas-Sindki u s-Segretarji Eżekuttivi ġejjin minn sbatax-il Kunsill Lokali, li offrew illi jipparteċipaw f'dan il-proġett. A bażi tal-*input* li ngħata min-naħa tal-Kunsilli li qiegħdin jieħdu sehem sar rapport mis-Sur Jon Barber li huwa espert f'dan il-qasam assenjat mill-Kunsill tal-Ewropa. Is-Sur C. Debono fakkar li dan il-proġett huwa ffinanzjat permezz tan-*Norway Grants*. Il-fażi konklussiva tiegħu tinvolvi żjara ta' studju u taħriġ f'Oslo n-Norveġja, bejn il-25 u d-29 ta' Mejju 2015, li ntiża sabiex l-uffiċjali mill-Kunsilli parteċipanti jaraw l-aħjar prattiċi f'dan il-qasam.

4.5.3. Is-Sur C. Debono fakkar li r-rappreżentanti eletti tal-Kunsill fuq dan il-proġett huma s-Sindku J. Buttigieg u s-sostitut tiegħu l-Viċi Sindku C. Bartolo. Huwa qal li mhux possibbli li dawn jattendu minħabba npenji oħra.

4.5.4. Il-Kunsill approva ż-żjara u l-attendenza tas-Segretarju għas-sessjonijiet ta' taħriġ li ser iseħħu fin-Norveġja.

## 4.6.1. Attivitajiet li jinvolvu l-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (A/5/3/6/Vol IV)

4.6.2. Saret referenza għal imejl datat 24 ta' Marzu 2015, mibgħut mill-Fondazzjoni ARKEO, fejn għarfu li ser jagħmlu żewġ attivitajiet kif ġej:

- Is-Sibt 16 ta' Mejju – Mixja mal-*heritage trail* bi tluq mill-irziezet fil-5.30pm immexxija mis-Sur Paul P. Borg;
- Il-Ġimgħa u s-Sibt 2 u 13 ta' Ġunju – *Weekend Living History* bit-tema "Ir-Rumani f'Selmun" bejn il-5.00pm u s-7.00pm. Il-grupp tar-*re-enactments* 10th Legion se iqatta' tmiem-il ġimgħa fl-irżieżet. Is-Sibt bejn il-5.00pm u s-7.00pm ser jittellgħa programm li jkun miftuħ għall-gruppi, filwaqt li l-Ħadd filgħodu l-istess program ser jinfetaħ għall-pubbliku mid-9.00am sas-1.00pm. Isiru *drills* fil-wesgħa ta' quddiem il-Palazz.

4.6.3. Il-Kunsill innota b'sodisfazzjoni din l-inizjattiva.

4.6.4. Inqrat ittra oħra datata 2 ta' Mejju 2015 mibgħuta mill-istess fondazzjoni fejn qed jiġi propost li terġa ssir il-Festa ta' Selmun bil-Kunsill ikun inkarigat mir-riklamar, l-ispejjeż tal-kor u l-banda, jixtri l-injam għall-ħuġġieġa, jieħu ħsieb l-organizzazzjoni tal-wirja agrarja, u jipprovdi l-kostumi għal reċta.

4.6.5. Il-Kunsill approva l-proposta billi kien tal-fehma li din tagħti aktar sens lil proġett tal-*heritage trail*, iżda kien tal-fehma illi għandu jkun hemm konsultazzjoni mal-Kappillan peress li hemm l-element reliġjuż fiha.

### 4.7.1. Festa Familja – Kummissjoni Familja (S/6/Vol IV)

4.7.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' April 2015, mibgħuta mill-Kummissjoni Familja fi ħdan il-Parroċċa tal-Mellieħa fejn il-Kunsill intalab ikun parteċipi fl-organizzazzjoni tagħha billi jipprovdi logħob għat-tfal li jkun preżenti fis-17 ta' Mejju 2015 f'Misraħ il-Parroċċa.

4.7.3. Il-Kunsill approva l-proposta.

### 4.8.1. Festa Familja – Mellieħa *Youths* (S/6/Vol IV)

4.8.2. Inqrat ittra datata 3 ta' Mejju 2015 mibgħuta mill-Mellieħa Youths fejn talbu lill-Kunsill Lokali jkun parteċipi fl-attività` imsemmija li ser issir fil-31 ta' Mejju 2015 f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. L-istess għaqda qalet li l-qligħ li jibqa' ser imur biex jiffinanzja l-ivjaġġar tal-morda għal Lourdes f'Settembru 2015.

4.8.3. Il-Kunsill qabel li jipparteċipa fl-organizzazzjoni tal-attivita` imsemmija sakemm l-involviment tiegħu ma jaqbisx €200.

### 4.9.1. Kampanja – *Let's Do It Malta* (T/6/1/Vol III)

4.9.2. Inqara imejl datat 4 ta' Mejju 2014, mibgħut mill-kordinaturi tal-kampanja msemmija fejn għarfu li fid-9 u l-10 ta' Mejju 2015 huwa ppjanat li jsir tindif volontarju f'Għajn Tuffieħa, id-Dahar, u postijiet oħra ġewwa l-Aħrax. Għaldaqstant qed jappellaw sabiex il-Kunsill jipprovdi *skips* u *mobile toilets*. Kien hemm korrispondenza simili waslet mingħand il-*Malta Camping and Caravan Association*, u mill-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti (Mellieħa) datati 5 ta' Mejju. It-tnejn tal-aħħar ser ikunu npenjati fiż-żoni tal-ikkampjar ġewwa l-Aħrax.

4.9.3. Is-Segretarju għarraf ukoll li kien hemm talba verbali mis-Segretarju tal-Federazzjoni tal-Kaċċaturi u Nassaba sabiex il-Kunsill jipprovdi *open skip* bil-għan li ssir sessjoni simili fl-imsaġar tal-Miżieb.

4.9.4. Il-Kunsill approva l-allokazzjoni ta' *skip* lil kull entita` li ser tipparteċipa filwaqt li approva wkoll li jitpoġġew *mobile toilets* fiż-żona tal-ikkampjar ġewwa l-Aħrax.

### 4.10.1. Xogħol ta' kostruzzjoni fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (A/6/3/1/Vol 95)

4.10.2. Saret referenza għal imejl datat 17 ta' April 2015 mibgħut mill-Perit Keith Schembri f'isem l-iżviluppaturi tas-sit fejn qabel kien hemm il-kumpless Belleview, sabiex ikunu jistgħu jokkupaw il-parkeġġ li hemm bejn Triq in-Nasses u Triq il-Fortizza sa Mejju 2016. Dan sabiex il-makkinarju kollu, inkluż it-*tower crane* jitħalla 'l ġewwa mill-parti li ser tingħalaq bil-blokki, kif ukoll biex jiġi eliminat il-periklu għall-pubbliku.

4.10.3. Il-Kunsill innota li t-talba ma taffettwax lir-residenti tal-qrib u għaldaqstant ma' sabx oġġezzjoni għat-talba sakemm jintalab il-kunsens ta' Transport Malta, kif ukoll jiġi żgurat li l-sit vakanti li hemm biswit is-sit in kwistjoni jkun aċċessibli ħalli jagħmel tajjeb għall-ispażju ta' parkeġġ li ser jintilef sakemm isiru x-xogħlijiet.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 30 ta' April 2015.

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-isemmija skeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda tal-pagamenti li tkopri bejn l-10 u t-30 ta' April 2015.

6.3. Tressqet ukoll skeda ta' infieq li sar permezz tal-*Petty Cash* bejn id-19 ta' Marzu u t-30 ta' April 2015.

6.4. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi u għaldaqstant kien hemm qbil li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku C. Bartolo illi tgħid:

**"Billi ġew innutati l-kummenti li għamlu l-udituri fuq l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2014 oriġinali, li ġew sottomessi lill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika; u**

**Billi t-tibdil li sar fl-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2014 oriġinali, ġew spjegati waqt l-istess seduta.**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Uditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol VIII)**

7.2. Is-Segretarju spjega li t-tibdil li kien hemm fl-istqarrijiet finanzjarji oriġinali li ġew sottomessi mill-*accountant* għal dawk li ġew riveduti wara li saret il-verifika, kienu kif jidher hawn taħt:

| | **Ċifra Oriġinal** | **Ċifra Riveduta** | **Varjanza** |
|---|---|---|---|
| Fondi allokati mill-Gvern *(Funds Received from Government)* | €1,155,979 | €1,199,600 | €43,621 |
| Għotjiet Rilaxxjati *(Grant Released)* | €74,367 | €117,988 | €43,621 |
| Ammonti li jridu jitħallsu *(Payables)* | €361,782 | €290,041 | €71,741 |

Kompla jispjegat li l-ammonti li jridu jitħallsu *(payables)* ma jinkludux l-accruals dovuti taħt il-ftehim tal-*public private partnership* dwar Triq l-Armier u lanqas l-*accruals* u *deferred income*.

7.3. Ir-riżoluzzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

## 8.1. Tħejjijiet għall-Festival Internazzjonali tal-Mużika (A/5/3/1/Vol XIV)

8.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-programm tal-festival għandu jiġi rivedut kif ġej:

| | |
|---|---|
| 29 ta' Mejju | Għaqda Mużikali Imperial<br>Doncaster Concert Band |
| 30 ta' Mejju | Societa` Filarmonica La Vittoria<br>1st Hamrun Scout Group Duke of Argyll's Own<br>Jam Band |
| 31 ta' Mejju | Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina<br>Wallace Pipe and Drums<br>Kor tas-Santwarju |

Is-Sur C. Bartolo rrefera għall-*budget* li huwa ppreżenta fis-seduta ta' qabel u għarraf li l-i*sbandieratori* mhux ser jieħdu sehem. Għarraf ukoll li nħarġu ordnijiet għall-fuljetti ta' pubbliċita` u l-*billboard* bi spiża ta' €885 u €300, rispettivament. Huwa għarraf ukoll li permezz ta' imejl datat 24 ta' April 2015, l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu approvat għotja ta' €500 b'riżq għall-istess avveniment. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li għaddejjin kuntatti oħra biex jinġieb sostenn simili minn entitajiet oħra.

8.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**9.1. Tħejjijiet għall-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol IV)**

9.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ppropona li l-attivita` imsemmija ssir nhar il-Ħamis 25 ta' Ġunju 2015 bil-bandu li jitlaq minn Triq il-Kbira kantuniera ma' Triq in-Naħal, ikompli fi Triq Ġorġ Borg Olivier, Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II, Triq l-Inkurunazzjoni u jintemm f'Misraħ il-Parroċċa. Ġie propost li jittellgħa *re-enactment* tal-bejgħ tal-ilsiera miċ-Ċentru Nazzjonali tad-Drama jew minn *Free Spirit Acting.* Is-Sur C. Bartolo ppropona wkol li qabel il-Quddies tas-Sibt filgħaxija fl-20 ta' Ġunju 2015 jinqara l-bandu għall-ewwel darba.

9.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti mressqa.

**10.1. Kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi (A/5/3/1/Vol XIV)**

10.2. Il-Kunsill qabel mal-proposti kif ġew ppreżentati wara l-emendi li saru mill-Kumitat li twaqqaf apposta u mill-Kunsill fis-seduta preċedenti.

10.3. Kien hemm qbil li dan is-suġġett għandu jitpoġġa għad-diskussjoni fis-seduta li jmiss.

**11.1. Proposti dwar arranġamenti tat-traffiku**

***Triq l-Inkurunazzjoni / Triq l-Erwieħ (T/3/2/Vol XII)***

11.2. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-fatt li fi Triq l-Erwieħ għandhom isiru tabelli ta' "CONCEALED EXIT" u "BLACK SPOT FOR ACCIDENTS" flimkien ma' serje` ta' *rumble strips* fil-karreġġjata fl-aħħar parti tat-telgħa biex is-sewwieqa joqgħodu attenti u tinġibdilhom l-attenzjoni li qegħdin javviċinaw ħruġ perikoluż. Fuq il-*hatching* l-abjad eżistenti s-Sur E. Bartolo ssuġġerixxa li għandhom jitwahhlu xi *bollards* bil-ktajjen bejniethom biex in-nies ma' jaqsmux minn hemm. Is-Sur E. Bartolo qal li tista' tiġi kkunsidrata *pedestrian crossing* fi Triq is-Santwarju bejn Triq Salvinu Vella u Triq it-Tramuntana, bil-għan li wieħed jingħata direzzjoni minn fejn jista' jaqsam. Huwa qal li alternattiva oħra tista' tkun li jiġu mmarkati passi mal-art li jibdew minn Triq l-Inkurunazzjoni, jaqsmu Triq Salvinu Vella u Triq is-Santwarju.

11.3. Il-Kunsill iddeċieda li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex jitwaħħlu *bollards* bil-kantina sa nofs il-*hatching* eżistenti li hemm fi Triq l-Inkurunazzjoni kantuniera ma' Triq l-Erwieħ, kif ukoll jinżebgħu passi mal-art kif spjegat fil-minuta 11.2, jew xi alternattiva oħra aċċettabbli li tilħaq l-istess għan.

**Triq ix-Xagħra ta' Barra / Triq il-Kbira (P/4/20/Vol IV)**

11.4. Il-Kunsillier E. Bartolo aċċenna għall-minuta 10.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li huwa mar fuq il-post wara l-proposta li saret sabiex jiċċekknu l-*build-out* eżistenti bil-għan li jippermettu d-dħul u ħruġ għal żewġ vetturi fl-istess ħin. Is-Sur E. Bartolo kkummenta li minħabba li 'l gewwa mill-*build-outs* hemm spazju għall-parkeġġ, mhux possibbli li jiċċekknu l-istess *build-outs* għaliex jista' jirriżulta li dan ikun ta' periklu minħabba li l-vetturi deħlin minn Triq il-Kbira jigu xorta waħda mxekkla minn oħrajn li jkunu pparkjati fi Triq ix-Xaghra ta' Barra. Huwa qal li ma jaqbilx li għandu jitnaqqas spazju fi Triq ix-Xagħra ta' Barra u għalhekk ma jarax li hemm xi vantagg partikolari bit-tibdil propost.

11.5. Id-diskussjoni fuq dan is-suġġett twaqfet hawn billi r-rapport li kellu jsir mill-Perit D. Cordina kien għadu ma sarx.

***Ipparkjar qrib Xuereb VRT Garage fi Triq in-Naħal (T/3/2/Vol XII)***

11.6. Is-Sur E. Bartolo għamel referenza għall-minuta 4.4.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa mar fuq il-post u rriżulta li bejn il-garaxx in kwistjoni u dak tat-tellar ġar tiegħu mhemmx tul biżżejjed biex toqgħod *parking bay*. Għaldaqstant tista' tiġi milqugħa t-talba li l-linji doppji sofor eżistenti jistgħu jitwalu għal żewġ metri fuq kull naħa. Ritratti tal-post ġew murija waqt id-diskussjoni.

11.7. Fid-dawl tat-tagħrif mogħti, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li l-linji in kwistjoni jitwalu għal żewġ metri fuq kull naħa. Kien hemm qbil ukoll li għandha ssir talba lil Transport Malta sabiex isiru l-*parking bays* matul Triq in-Naħal kollha.

## 12.1. Titjib fi Ġnien il-Qigħan (P/2/1)

12.2. Is-Sindku fakkar li r-rinovar ta' Ġnien il-Qigħan huwa wieħed mill-proġetti li ser jingħata priorita` matul l-2015 u l-2016 u għalhekk intalbet stima lill-kuntrattur The Lighthouse Keepers li huwa responsabbli mill-manutenzjoni tad-dwal tat-toroq sabiex jinbidlu d-dwal eżistenti u jsiru oħrajn tat-tip *mushroom*. Huwa spjega li hemm sezzjoni mill-istess ġnien illi hija fi dlam totali peress li hemm numru ta' lampi li mhumiex jixgħelu.

12.3. Is-Segretarju qal li din l-inizjattiva tinvolvi l-bdil ta' 17-il lampa ġdida li jiffurmaw parti mid-dwal tat-toroq bi spiża ta' €8,525. Billi parti mill-*cabling* hija difettuża, jeħtieġ li tinbidel parti minnu.

12.4. Saret referenza wkoll għall-ħtieġa li jinbidu xi *seats* tal-*Greek Theatre* li jew ġew vandalizzati u/jew saritilhom ħsara bl-elementi. Is-Segretarju qal li biex jinxtraw 30 *seat* jinvolvi spiża ta' €531 skont stima mogħtija minn HLS Enterprises Ltd.

12.5. Il-Kunsill approva l-ispejjeż msemmija fil-minuta 12.3. u 12.4. aktar 'il fuq.

## 13.1. Skemi dwar dwal ġodda f'Santa Marija Estate (E/1/3/Vol VI)

13.2. Is-Sindku għarraf li fid-dawl tal-involviment li l-MEPA kellha fil-finanzjament tal-iskemi ta' dwal ġodda li saru fi Triq Ta' Fuq il-Widien, Triq il-Pont, Triq Ta' Taħt l-Irdum, u Triq Għajn Żejtuna. Is-Segretarju Parlamentari għall-Ippjanar u Simplifikazzjoni Amministrattiva, l-Onor. Michael Falzon ser jagħti konferenza stampa fi Triq Għajn Żejtuna/Triq il-Pont, fl-14 ta' Mejju 2015 fid-9.00am. Huwa fakkar li dawn saru permezz tal-Fond għat-Titjib Urban (U.I.F.).

13.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 14.1. *Open air gym* fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol V)

14.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 2.1.1. tas-seduta preċedenti u għarraf li t-tagħmir tal-*open air gym* iżżarma f'darbtejn biex jitneħħielu s-sadid u jinżebaħ mill-ġdid mill-ħaddiema tal-Kunsill Malti għall-Isports. Huwa qal li dan ix-xogħol issa tlesta u t-tagħmir kollu reġa ġie mmuntat fuq il-post.

14.3. Il-Kunsillier E. Bartolo staqsa dwar kemm sewa dan l-eżerċiżżju. Is-Segretarju wieġeb li l-ispejjeż kienu għadhom qed jinġabru u jkun dispost li jagħti rendikont fis-seduta li jmiss.

14.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 15.1. Inizjattiva "*Summer on the Move*" (S/4/1/5)

15.2. Is-Sindku aċċenna għall-minuta 2.2. tas-seduta ta' qabel u għarraf li l-isport illi ser jiġi offrut mill-Park tal-Familja, bejn it-13 ta' Lulju u l-11 ta' Settembru 2015, ser ikun kif ġej:

| **Jum** | **Ħin** | **Eta`** | Dixxiplina |
|---|---|---|---|
| It-Tnejn | 5:30pm-6:30pm | 4 - 8 snin | *Funathletics* |
| | | 9 - 16 snin | *Handball* |
| | 6:30pm-7:30pm | 4 - 8 snin | *Mini-Handball* |
| | | 9 - 16 snin | *Weightlifting* |
| | | 9 - 16 snin | *Basketball* |
| L-Erbgħa | 5:30pm-6:30pm | 4 - 8 snin | *Funathletics* |
| | | 17+ | *Fitness* |
| | 6:30pm-7:30pm | 9 - 16 snin | *Athletics* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 17+ | *Fitness* |
| Il-Ġimgħa | 5:30pm-6:30pm | 4 - 8 snin | *Mini-Basket* |
| | | 17+ | *Circuit Training* |
| | 6:30pm-7:30pm | 9 - 16 snin | *Basketball* |
| | | 9 - 16 snin | *Weightlifting* |
| | | 17+ | *Running* |

15.3. Il-Kunsillier H. Fenech qal li huwa importanti li l-attivitajiet imsemmija ma jaħbtux mas-sessjonijiet tat-taħriġ li jsiru fil-*multi-purpose court* mit-timijiet tal-basketball u n-netball. Is-Sindku qal li huwa assuma li t-taħriġ ikun wieqaf fil-perjodu msemmi.

15.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**16.1. Proġett LEAP! (A/8/3)**

16.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li hija qed issib interess minn artisti, mużiċisti u artiġġjani li jixtiequ jieħdu sehem fil-Welcome Spring Festival li qed jiġi organizzat mill-LEAP! u l-Kumitat Reġjonali Tramuntana. Il-pittur John V. Borg u l-artiġġjana Carmen Sammut diġa kkuntattjawha biex jieħdu sehem.

16.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**17.1. Proġett taħt l-Programm Erasmus+ tal-U.E. (P/10/1/Vol II)**

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li saret stedina mill-Munċipalita` ta' Favignana fi Sqallija sabiex il-Kunsill Lokali tal-Mellieħa jieħu sehem fi proġett flimkien ma' imsieħba oħra minn Spanja. L-intenzjoni hija lid an il-proġett iseħħ fl-istess lokalita` bejn is-6 u 12 ta' Novembru 2015 għal persuni fl-etajiet bejn 18 u 35 sena. Il-progett jinvolvi sessjonijiet ta' taħriġ rigward l-ambjent u żvilupp sostenibbli. Filwaqt li ntwera nteress min-naħa tal-Kunsill, l-eżitu` tal-applikazzjoni għall-finanzjament għadu mhux magħruf.

17.3. Il-Kunsill innota u approva l-azzjoni li ttieħdet.

**18.1. Aġġornament tas-sit elettroniku tal-Kunsill (I/1/3/Vol V)**

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo qal li għaddejjin kuntatti mad-ditta Abakus li tospita` is-sit elettroniku tal-Kunsill bil-għan li dan jiġi aġġornat fis-sens li jkun jista' jiġi aċċessat minn telefons ċellulari, u mezzi oħra li jintużaw mill-pubbliku. Huwa spjega li t-tibdil għandu jiffaċilita` l-aġġornament tal-materjal min-naħa tal-impjegati tal-Kunsill. Dan it-tibdil huwa stmat li jiġi jiswa €2,200 fit-totalita` tiegħu.

18.3. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva sakemm l-eżerċizzju jsir gradwalment.

**19.1. Pontifikal fl-okkażjoni tal-Festa tal-Vitorja 2015 (F/2/Vol VII)**

19.2. Is-Sindku għarraf li bħala parti mill-pontifikal ippjanat li jseħħ fis-7 ta' Settembru 2015, minbarra dinjitarji Maltin, ser jattendu wkoll ħamsin kavallier tal-Ordni ta' San Ġwann li ser jattendu għall-istess funzjoni. Erba' mitt kavallier ieħor ser jingħaqdu magħhom wara l-pontifikal biex igawdu l-ambjent tal-Festa tal-Vitorja. Dawn ser ikollhom riċeviment fuq il-Bellveder tas-Sur kif ukoll ser jassistu għal-logħob tan-nar tal-ajru minn Triq l-Għollieqa, fejn ser jitpoġġew siġġijiet apposta għalihom. Il-kavallieri ser jżuru l-każini tas-Societa` Filarmonica La Vittoria u tal-Għaqda Mużikali Imperial. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-arranġamenti loġistiċi qed jiġu kordinati mill-Kunsill Malti għall-Kultura, flimkien mal-Kumitat Festi Nazzjonali. Is-Sur J. Buttigieg qal li huwa għandu ċerti riżervi kemm l-arranġamenti loġistiċi mfassla ser imorru kif ippjanat, minħabba l-folol li jkun hemm f'lejlet il-Festa tal-Vitorja.

19.3. Il-Kunsillier E. Bartolo spjega li l-*coaches* se jgħaddu minn Triq Ġorġ Borg Olivier u jniżżlu n-nies biswit Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II biex jgħaddu minn Triq l-Erwieħ għall-Misraħ il-Parroċċa, filwaqt li l-karozzi tad-dinjitarji u mistednin oħra jgħaddu

minn Triq Qasam Barrani goal Triq it-Tramuntana u Triq is-Santwarju, fejn iħallu n-nies biex jgħaddu għall-knisja parrokkjali. Wara jmorru jipparkjaw fi triq il-Marfa.

19.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**20.1. *Fish Awareness Project* (A/5/5/Vol VIII)**

20.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarfet li fis-26 ta' April 2015 il-kumpanija M.P.S. Advertising Ltd, permezz ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea organizzat sessjoni ta' tagħrif lill-pubbliku dwar il-benefiċċji li wieħed iġawdi bl-inklużżjoni tal-ħut fid-dieta tiegħu. Din is-sessjoni seħħet f'Misraħ il-Parroċċa fil-Mellieħa. Bħala parti minn dan il-proġett, l-istess ditta tixtieq torganizza lezzjonijiet fuq l-istess tema fis-Sala tal-Kunsill.

20.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti, kif ukoll il-lezzjonijiet proposti bl-użu tas-Sala tal-Kunsill.

**21.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)**

21.2. Il-Kunsillier H. Fenech għarraf li l-finali tal-kompetizzjoni msemmija ser isseħħ fl-14 ta' Mejju 2015 fis-sede tas-Societa` Filarmonica La Vittoria. Huwa ppropona li jiġu ppreżentati tifkiriet tal-okkażjoni lill-parteċipanti kollha.

21.3. Il-Kunsill innota l-appuntament u approva l-proposta mressqa fil-minuta 21.2.

**22.1. Tindif volontarju taħt wiċċ-il baħar fil-Bajja tal-Għadira (T/6/1/Vol III)**

22.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat mill-operatur ta' Seashells Dive School illi għandhom l-intenzjoni jagħmlu tindif taħt wiċċ-il baħar fiż-żona Ta' l-Imgħarqa" quddiem il-Mellieħa Bay Hotel. Huma ser ikunu mgħejjuna fuq l-art mill-Mellieħa Scout Group. Il-Kunsill intalab jgħin billi jipprovdi *skip* fuq il-Moll tat-Tunnara.

22.1. Il-Kunsill laqa' it-talba.

**23.1. Tiswijiet fl-Armier (X/1/2)**

23.2. Il-Kunsillier E. Bartolo ġibed l-attenzjoni li l-iskall fl-Armier jeħtieġ manutenzjoni minħabba l-ħsara li ġratlu bil-baħar. Huwa qal ukoll li hemm xi *bollards* qrib l-istess skall illi jeħtieġ jinbidlu.

23.3. Is-Segretarju qal li attwalment il-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet huma npenjati fuq xogħol assenjat lilhom mill-Ministeru rispettiv u allura mhux jieħdu ordnijiet tal-Kunsill. Is-Sur C. Debono fir-rigward tal-iskall staqsa dwar jekk huwiex possibbli li l-Kunsill jipprovdi l-materjal, filwaqt li x-xogħol isir minn min juża l-iskall. Huwa qal li l-bollards jistgħu jiġu ordnati.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-11.00pm u ġiet-aġġornata għal nhar l-Erbgħa 20 ta' Mejju 2015 fis-7.15pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**